



27.4.2015

0016/2015

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

impressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar implimentazzjoni aktar effikaċi u koordinata tal-istrategġiji makroreġjonali tal-UE

Zigmantas Balčytis (S&D), Adam Gierek (S&D), Tunne Kelam (PPE), Krišjānis Kariņš (PPE), Bogusław Liberadzki (S&D), Liisa Jaakonsaari (S&D), Roberts Zīle (ECR), Marju Lauristin (S&D), Victor Boștinaru (S&D), Viorica Dăncilă (S&D)

Data ta' skadenza: 27.7.2015

0016/2015

Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar implimentazzjoni aktar effikaċi u koordinata tal-istrategġiji makroreġjonali tal-UE¹

1. Mill-2009 'l hawn l-UE adottat tliet strategġiji makroreġjonali, waħda għar-reġjun tal-Baħar Baltiku, waħda għar-reġjun tad-Danubju u waħda għar-reġjun Adrijatiku u Joniku;
2. Għalkemm l-istrategġiji makroreġjonali jirrappreżentaw opportunitajiet sinifikanti għall-iżvilupp komprensiv tar-reġjuni tal-UE, billi jindirizzaw l-isfidi u l-potenzjal komuni, kif ukoll valur miżjud tal-UE ċar, ir-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tal-istrategġiji tibqa' tinqasam bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri parteċipanti u l-partijiet ikkonċernati, li jfisser li l-progress fl-implimentazzjoni tal-istrategġiji, b'mod partikolari l-istrategġija tal-Baltiku, mhux sodisfaċenti;
3. Il-Kummissjoni hija għalhekk mistiedna ttejjeb il-governanza tal-istrategġiji makroreġjonali u tiżvolġi rwol aktar sinifikanti biex tiżgura l-implimentazzjoni effikaċi ta' dawn l-istrategġiji;
4. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.